TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1725

KAZ NRU. 2291

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Jesmond Camilleri

u

Chefchoice Limited

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 9 ta' Ottubru 2006.

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b'Nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fit-3 ta' Gunju 2005.

It-Tribunal zamm 8 seduti.

Jesmond Camilleri, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Charmaine Cherrett u Chefchoice Limited, aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata mis-Sur Andrew Agius Muscat assistit mill-Avukat Kris Borg.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz l-appellant qal li f'Mejju 2005 kien verbalment infurmat mill-Kumpanija li qed jigi sospiz fuq *complaint* li kellha minn klijent u gimgha wara li l-impieg tieghu qed jigi terminat. Qal ukoll li l-Kumpanija qatt ma gabet provi tan-nuqqasijiet tieghu, ghagglet fid-decizjoni ta' tkeccija u agixxiet b'mod irresponsabbli u minghajr ma uriet rieda tajba.

Il-Kumpanija qalet li r-ragunijiet principali ghat-terminazzjoni ta' l-impieg kienu li :

1. l-appellant iffalsifika dokumenti ;
2. bl-ghemil tieghu sar ksur tal-ligi tas-Sanita' ;
3. xoghol tal-Kumpanija spicca minghajr awtorizzazzjoni ghand *salesman* ta' kompetitur taghha ;
4. l-agir tieghu seta' gab konsegwenzi serji ta' dannu ghall-Kumpanija
5. minhabba dak li ghamel il-*Management*, kif ukoll shabu fuq ix-xoghol, tilfu l-fiducja fih.

Mix-xhieda jirrezulta li l-appellant kien ghamel dokumenti ta' bejh ta' laham b'valur ta' madwar 30 lira f'isem hanut tal-laham partikolari izda qal lid-*delivery man* biex jghaddieh lill-individwu li kellu jiltaqa mieghu f'post miftiehem. Il-persuna koncernata kien qabel impjegat mal-Kumpanija u dak iz-zmien kien impjegat ma kumpanija kompetitur taghha. Gie pruvat, u ammess mill-appellant, li dan sar darbtejn b-intervall ta' tmien tijiem. L-appellant qal li dan il-bejh sar lil habib tieghu li kien qed jorganizza *barbecue* ghal celebrazzjoni ta' Club tal-Football.

It-Tribunal ma tantx isibha kredibbli li wiehed jixtri laham frisk ghal okkazzjoni partikolari b'intervall ta' tmien tijiem izda anke jekk wiehed jaccetta r-raguni li ta' l-appellant jibqa l-fatt li :

- l-appellant kiser il-proceduri stabbiliti mill-Kumpanija ;
- iffalsifika dokumenti ;
- biegh lil individwu u mhux lil hanut kontra r-regolamenti tal-Kumpanija ;
- kiser il-ligi tas-Sanita' li tirrikjedi li jkun hemm traccabilta ta' l-ikel u li hi risponsabbilta tal-Kumpanija ;
- ha sogru li l-prodott jigi trasportat go vettura mhux *chilled* u ghalekk ma jasalx fil-kundizzjoni rikjesta meta l-Kumpanija ma kelliex kontroll fuqu ;
- biegh prodott tal-Kumpanija lil *salesman* ta' kumpanija kompetitur taghha ;
- bl-agir tieghu gieghel impjegati ohra jiksru l-proceduri tal-kumpanija ;
- ikkaguna nkwiet bejn il-haddiema meta wiehed mis-*salesmen* gheddet iehor biex ma jikxifx dak li sar tant li kellha tigi nvoluta l-pulizija.

Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi li l-Kumpanija kellha raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi biex tittermina l-impieg ta' l-appellant.

Ma kiex possibbli li t-Tribunal jiddeciedi l-kaz fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba limitazzjoni ta' facilitajiet u nuqqasijiet amministrattivi.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
Segretarja